TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 126/20/F

**Carmel Falzon u Moira M. Falzon**

**vs**

**Galea Furniture - Emanuel Galea**

Illum, 1 ta' Lulju 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-rikorrent nhar is-17 ta' Settembru 2020;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-intimat fit-2 ta' Novembru 2020 kif ukoll il-kontro-talba minnu promossa;

Ra r-Risposta ppreżentata mir-rikorrenti għall-kontro-talba tal-10 ta'Diċembru 2020;

Ra r-relazzjoni tal-espert Vincent Ciliberti maħtur mit-Tribunal sabiex jikkostata mill-lat tekniku jekk ix-xogħol imwettaq mill-intimat kienx skont l-arti u s-sengħa u jillikwida valur tax-xogħol magħmul, ossija jekk l-ammont ta' seba mitt Euro (€700) huwiex wieħed ġust;

Sema' x-xhieda tal-Partijiet bil-ġurament u l-kontro-eżamijiet;

Ra d-dokumenti ppreżentat;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat minnhom, ir-rikorrenti qed jitolbu li jiġu rifużi s-somma ta' ħames mitt Euro (€500) li huma kienu ħallsu lill-intimat

bħala depożitu fuq TV unit li ordnaw mingħand l-intimat f'Ġunju 2019. In sostenn ta' din it-talba, jilmetaw li x-xogħol fuq din il-biċċa għamara ma sarx skont l-arti u s-sengħa u tant kellha difetti li ma kienix tajba għall-iskop li għalih ġiet ordnata. Jgħid illi minkejja li għadda lura nofs il-komponenti tal-unit lill-intimat, dan baqa' ma ħallsu xejn lura.

Illi permezz tar-risposta tiegħu, l-intimat jirribatti li meta marru għandu biex jiġbru l-unit la r-rikorrent u lanqas ibnu ma lmetaw fuq il-kwalità tagħha u saħansitra t-tifel kien esklama kemm ġiet sabiħa. L-intimat kien preokkupat għax ir-rikorrent kien ser iġorr il-unit fuq is-saqaf tal-karozza u għalhekk avvertih li kien hemm riskju li ssir il-ħsara jekk tinġarr hekk – kif fil-fatt sar. Dan kien is-Sibt. It-Tlieta ta' wara, ir-rikorrenti Moira Falzon ċemplitlu u qaltlu kemm kienet kuntenta bil-unit u kemm din kienet intogħġbot waqt festin li kellhom id-dar fi tmien il-ġimgħa. Kienet offriet li tħallsu imma hu irrifjuta għax kien għad baqa' il-bażi x'tinħadem u qalilha biex tħallsu li tkun lesta kompletament. Wara xi 20 ġurnata bdew l-ilmenti minn naħa tar-rikorrenti li l-unit, senjatament il-bażi, ma kienitx kif ordnawha iżda meta mar ir-rikorrent fil-garaxx tal-intimat ġie kkonfermat li fil-fatt, din il-bażi kienet taqbel perfettament mal-istampa li kienu għaddewlu r-rikorrenti meta' ordnaw il-unit.

Illi l-intimat ippreżenta ukoll kontro-talba fejn permezz tagħha qed jitlob li r-rikorrenti jiġu kkundannati jħallsuh is-somma ta' seba mitt Euro (€700) rappreżentant l-bilanċ li kien għad fadal fuq il-unit u l-prezz ta' xi xkaffi li kien ħadem għar-rikorrenti.

Illi permezz tar-risposta tagħhom, ir-rikorrenti qalu li din it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li x-xogħol tal-intimat ma sarx skont is-sengħa u l-arti u għalhekk, l-għamara minnu magħmula mhix tal-kwalità pattwita.

Illi l-espert tekniku Vincent Ciliberti kkonstata li ma jistax jikkonferma jekk l-għamara, meta jitħwħħlu l-bibien, tegħleb 'il quddiem. Rigward l-ilment li l-kxaxen ma jingħalqux sewwa, ikkonstata li fil-fatt kien biess wara li ta tisbita li ingħalaq il-kexxun madankollu jieħu kont ta' dak li qal l-intimat li l-art tal-*workshop* mhux invellata. Fir-rigward tal-finituri, jaqbel mar-rikorrenti li dawn m'humhiex puliti u li hemm elementi li m'humxiex konsistenti ma sempliċi ħsarat waqt il-ġarr. Dwar id-daqs tal-ħġieġ tal-bibien, l-espert ma sabx li dawn inħadmu f'daqs ħażin u rigward il-bażi, sab li din mhux maħduma skont l-arti u s-sengħa mingħajr ma jagħti wisq dettalji għalfejn.

Illi l-intimat jispjega li l-għamara fiha diversi toqob fejn iridu jeħlu l-viti taċ-ċappetti tal-bibien u allura skont hu, dan jispejga l-preżenza ta' dawn it-toqob. Għalhekk huwa ċar li mhux l-ilmenti kollha tar-rikorrenti huma kompletament ġustifikati u jidher f'għajnejn il-Tribunal li jista' jkun li huma eżaġeraw kemmxejn id-difetti għax kien reġa' bdielhom fuq il-prodott ordnat mingħand l-intimat bħala bniedem tas-sengħa. Dan madankollu ma jiskużax kompletament lill-intimat għad-difetti li fil-fatt irriżultaw pruvati.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*. In prinċipju għalhekk, dak li qed jitlobu r-rikorrenti jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tagħhom bħala Konsumatur u fil-fatt, waqt it-trattazzjoni tat-Talba, ġie spjegat mill-abbli legali tagħhom li r-rimedju li qed jipprospettaw permezz tal-instanti proċeduri huwa li l-kuntratt jiġi terminat u l-għamara tiġi miġbura lura kollha kemm hi mill-intimat u rimborż sħiħ tad-depożitu li laħqu ħallsu.

Illi fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-Partijiet iddeterjorat u mhuwiex idoneju li jsiru interventi mill-intimat. Di più ir-rikorrenti jixhdu li minn dak iż-żmien, ħadmu l-istess tip ta' unit għand mastrudaxxa ieħor. Għalhekk ir-rimedju għandu jkun tal-ħall tal-kuntratt u rimedju pekunjarju.

Illi skont ma jiddisponi li-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, "it- Tribunal jaqta' l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talb apreżentati quddiemu skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità". Ukoll, fi kliem il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi *"vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato"* (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċiża 13.10.2004);

Illi wara li qies sewwa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal jikkonkludi li t-Talba tar-Rikorrent timmerita akkoljiment parzjali u b'hekk jiddisponi mit-Talba prinċipali kif ukoll mill-kontro-talba billi filwaqt li jordna li l-għamara kollha kemm hi għandha tiġi ritornata lill-intimat, għal fini ta' likwidazzjoni, qed

jiffissa *arbitrio boni viri* s-somma dovuta mill-intimat lir-rikorrenti bħala mitejn Euro (€200). Mill-bqija, kif kompatibbli ma dak hawn deċiż, jiċħad interament il-kontro-talba tal-intimat.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet appena spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqagħha *in parte*:**

1. **Jiddikjara l-kuntratt bejn il-partijiet bħala xolt;**
2. **Jordna lir-rikorrenti sabiex jirritornaw il-partijiet kollha rimanenti għandhom mill-unit lill-intimat fi żmien xahar minn din is-sentenza;**
3. **Jiċħad interament il-kontro-talba tal-intimat;**
4. **Jordna lill-intimat sabiex jirrifondi is-somma ta' mitejn Euro (€200) lir-rikorrenti malli jgħaddulu l-partijiet rimanenti tal-unit.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu ⅔ mill-intimat u ⅓ mir-rikorrenti.**

**L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D.**
***Arbitru***